IT-TIENI KTIEB — ĠUNJU
TAD-DISGHA U GHOXRIN SENA — 1953

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ
*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*
**KULL TLIET XHUR**

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-Editur—It-Tagħlim tal-Malti ... faċċ. 33
Val. V. Barbara, O.P.—*Nistrieħu ftit* ... „ 36
Ġużè' Diacono, P.L.—Sidtna ta' Guadalupe ... „ 37
A. Cremona—Malta, il-Familja Rjali Ingliża u l-Inkoronazzjoni ta' Eliżabetta II ... „ 42
Beneditt M. Caruana, O.C.—*Madrigale* ... „ 44
A.C.—Il-Mewt tal-Kanonku Dun G. M. Farrugia ... „ 45
Rapport ta' l-Eżaminaturi ta' l-Essays ... „ 46
Vincent Ungaro—*Habbejt* ... „ 48
Ġużè' Gatt—Il-Battaljun ta' Birkirkara fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi ... „ 50
Ger. Azzopardi—Meta Tlifthom ... „ 58
A. Cremona—Sunett bil-Malti ta' De Soldanis ... „ 59
A. Cremona—Varia Atque Breviora ... „ 62
Reċensjonijiet ... „ 63

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.
ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.
AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

Ħlas: 4/- fis-sena. — Ktieb wieħed 1/3,
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil:
Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU 1953


## *It-Taghlim tal-Malti*

*F "IL-MALTI" ta' Diċembru li għadda konna tkellimna fuq il-ħtieġa ta' l-istudju sod tal-Malti. Wara kien xieraq li nitkellmu wkoll fuq il-ħtieġa tat-Tagħlim sod tal-Malti, li tista' tgħid, imur id f'id ma' sieħbu, li hu l-istudju sod tiegħu.*

*Minn mindu taħt sistema ġdida ta' tagħlim sew fl-iskejjel elementari kemm fil-Liċeo u fl-Università, li kienet daħlet mal-libertajiet kostituzzjonali, (li fihom l-influwenza politika tal-proletarjat kellha sehem kbir), it-tagħlim tal-Malti daħal biex jieħu sehem fis-sillabu ta' l-istudji, xi wħud kienu kemmxu xofftejhom u staqsew bi tbissima ta' żeblieħ: "Huwa l-Malti fih x'titgħallem? Aħna Maltin u l-Malti tgħallimnieh minn twelidna bla kotba". — Osservazzjoni bħal din, dari u l-lum, ħadd ma kien sejjer jagħmilha dwar it-tagħlim ta' l-Ingliż jew tat-Taljan, langas fost l-istess Ingliżi jew Taljani, għax jaf li jidħku bih. Kull ilsien magħruf bħala lsien ta' pajjiż li bih il-poplu jiftiehem sew bil-fomm kemm bil-kitba, jitlob studju u tagħlim sod, bħal ma jitlob tagħlim sod id-daqq u l-kant. Inti għal mument tista' ddoqq u tkanta bil-widna, kif bil-widna tgħallimt titkellem bil-Malti, iżda dan ma jfissirx li m'għandekx titgħallem id-daqq u l-kant skond ma titlob is-sengħa tad-daqq u tal-kant. Meta ma tagħmilx hekk tkun qed tqarraq bik innifsek jekk inti taħseb li tista' ddoqq u tkanta bħal min jitgħallem dawn iż-żewġ ħwejjeġ skond is-sengħa.*

*It-tagħlim ma għandux ikun bin-nofs, għax inkella nibqgħu fejn aħna u nkunu qed nagħmlu ħsara lilna nfusna bħala kittieba tal-Malti u ħsara ikbar lil-letteratura Maltija. Jiġi li meta student ikun tgħallem il-Malti fuq fuq, il-kitba tiegħu għalkemm xi mindaqqiet tidher imżejna minn barra b'libsa prosajka u poetika li tlellex bi ħsibijiet u immaġinativa mill-iżjed sbieħ u għolja, minn taħt ma tkun qatt b'saħħitha fl-organiżmu tagħha, organiżmu li jeħtieġ tagħlim sħiħ grammatikali u sintattiku, barra mill-użu ta' kliem li jaqbel max-xejra tal-lsien, bla tiżwiq ta' kliem imfassal ħażin minn għeruq qodma ta' lsienna li jistona ma' dak li jrodd il-lsien Malti tal-lum. Għalhekk it-tagħlim irid*

ikun f'idejn surmastrijiet tajba mrawmin fl-istudji morfoloġiċi u fil-kitba Maltija u mhux magħżulin skond il-bżonn pedagoġiku okkażjonali biex jimlew siġġu vojt ta' surmast.

L-ewwel li kien ħass il-bżonn ta' tagħlim sod ta' lsienna kien Mikiel Anton Vassalli, u hu tajjeb li l-lum aħna nimxu warajh u ngħattu l-għajb ta' żmienu li fih il-Malti kien imżeblaħ bħala tagħlim u ma kienx iservi ħlief biċċa għodda f'idejn l-orjentalisti barranin li dik il-ħabta bla għajnuna ta' grammatika tajba u dizzjunarju sħiħ tal-lsien Malti ma setgħux igħożżuh sewwa fl-istudji tagħhom filoloġiċi. Kien fl-1795 meta Vassalli kien talab lil Grammastru De Rohan biex jiftaħ skola privata għat-tagħlim tal-kitba u qari bil-Malti u dik kienet l-ewwel darba li l-Malti kellu xi bidu ċkejken ta' tagħlim. Wara 29 sena Vassalli, bis-saħħa tal-Meċenate tiegħu, Hookham Frere, li kien President tal-Kunsill ta' l-Università, kien irnexxielu jagħti lezzjonijiet tal-Malti fl-Università, u milli jidher it-tieni Grammatika Maltija, miktuba bit-Taljan, mhix ħlief ġabra ta' dak li kien għallem f'dawk il-lezzjonijiet. Minn dak iż-żmien 'il hawn it-tagħlim tal-Malti baqa' 'l hawn u 'l hinn isir minn xi qassis f'xi skola privata, minn xi xirka għal skopijiet propagandistiċi reliġjużi, u mbagħad iżjed 'il quddiem fl-iskejjel primarji tal-Gvern fejn insibu mdaħħlin xi kotba bil-Malti ta' Francis Vella, Gio-Batta Falzon, tal-Qassis P.P. Psaila, tal-Kan. F. Panzavecchia u ta' Annetto Casolani u l-ġabra ta' poeżijiet ta' Gio-Antonio Vassallo, tal-Kan Dr Ludovik Mifsud Tommasi, u iżjed 'il quddiem il-kotba ta' Preca u ta' Ferris, li fihom insibu s-sistema ta' kitba Maltija tas-Società Filologica Maltese, u, wara mbagħad tax-Xirka Xemïa, b'alfabetijiet li kienu jitbiddlu ma' kull sistema tat-tagħlim tat-Taljan u ta' l-Ingliż, fejn il-Malti kien imdaħħal bħala mezz għat-tagħlim taż-żewġ lingwi. Sistema oħra li kienet xi snin qabel l 1900 twaqqfet fost l-aħjar kittieba u daħlet fl-iskejjel, mibnija fuq alfabet iżjed popolari u fl-istess ħin fuq prinċipji grammatikali iżjed sodi kienet dik li biha kienu jinkitbu l-kotba bil-Malti għall-iskejjel u l-Malti fil-pubblikazzjonijiet tal-Gvern sa dwar 18-il sena ilu.

L-aħħar waħda minn din is-sensiela ta' alfabetijiet u kitba Maltija hija dik tal-"Għaqda" tagħna, mibnija fuq prinċipji ftit u xejn iżjed xjentifiċi u sodi, skond ma kienu jitolbu ċ-ċirkustanzi għall-progress letterarju ta' lsienna. Fis-sistema ta' qabilha li kienet fil-bidu tas-seklu għoxrin, kienet dehret il-kitba ta' nies

*li nafuhom, u li sa ċertu żmien konna nqimuhom bħala* l-veterani *fost il-kittieba Maltin ta' bejn is-sekli Dsatax u Għoxrin, fosthom Killi Ferris, Ċensu Busuttil, Ġanni Vassallo, Patri Manwel Magri, Temi Zammit, Pawlu Bellanti u Guże Muscat Azzopardi; f'dik ta' wara, jiġifieri tal-"Għaqda" tagħna, dehret wisq iżjed mirquma l-kitba ta' kittieba ġodda li magħhom iżda ngħaqdu l-qodma, fosthom Ġużè Muscat Azzopardi, li nħatar President tal-"Għaqda", bħala d-dekan tal-kittieba Maltin, u ma' dan it-tliet figuri kbar l-oħra, li sa xi snin ilu kienu għadhom iżejnu l-letteratura Maltija bil-kitba tagħhom, jiġifieri,* **Temi Zammit**, *Pawlu Bellanti u Ġanni Vassallo. Iżda fl-istorja tas-sistema tal-kitba Maltija sa l-1934, ma nsibu ebda xhieda illi t-tagħlim tal-Lsien Malti għalkemm xi drabi kellu 'l hawn u 'l hinn xi bidu tajjeb, kien seħħ u rabba l-għeruq. Kien tassew wara l-1934, jiġifieri, mat-tmintax-il sena ilu illi dan it-tagħlim beda jseħħ taħt is-sistema tal-"Għaqda" tagħna b'riħet it-tibdil kostituzzjonali dwar il-prinċipju tat-tagħlim u l-użu tal-Malti, fl-iskejjel, fl-amministrazzjoni tal-Gvern, fl-attijiet notarili u dokumenti legali, u fit-trattamenti ta' kawżi fil-Qrati. Iżda, b'danakollu, jista' issa f'din l-epoka ta' riżq, il-Lsien Malti jiftaħar li għandu l-isbaħ paġna fl-istorja tiegħu? Jekk il-lsien Malti għandu tassew għalfejn jiftaħar li għandu din il-paġna sabiħa għal dik li hi produzzjoni letterarja, l-istess ħaġa ma nistgħux ingħidu għal dak li hu metodu tat-tagħlim, għalkinqas f'xi skejjel, biex ma nsemmix xi klassijiet għolja ta' dawn l-iskejjel. Id-difett mhux tal-pragrammi skolastiċi, daqs kemm tal-metodu ta' tagħlim li hu nieqes minn ċertu apprezzament ta' prinċipji morfoloġiċi, sintattiċi u letterarji li fuqhom għandu jintgħaġen it-tagħlim fil-moħħ ta' l-istudent. Dan narawh, kif diġà semmejna, meta tkellimna fuq l-istudju tal-Malti u wrejna kif mill-kitba ta' xi studenti li qed jersqu għall-eżamijiet tal-matrikola jidher li hemm nuqqas ta' taħriġ ta' kitba bil-Malti fuq prinċipji morfoloġiċi u sintattiċi, barra minn nuqqas ta' qari u apprezzament ta' awturi tajba. It-tagħlim tal-Malti, iżjed minn ilsna oħra, illi l-kitba tagħhom mhix hekk marbuta mal-morfoloġija ta' lsienhom, jista' b'ċertu mod fi tfal jibda b'metodu ta' tagħlim u ta' reguli fuq prinċipji mnemoniċi u ideografiċi, iżda fil-kbar il-metodu għandu jkun razzjonali fit-tagħlim u taħriġ grammatikali b'apprezzament letterarju fil-għażla tal kliem, kostruzzjoni, espressjonijiet idjomatiċi u stil.*

## NISTRIEĦU FTIT

*Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Nistrieħu ftit, ħabib, riġlejja tqalu,
U rogħda f'ġismi qed twaqqafli l-mixi,
Demmi kesaħli, l-art qed iddur bija,
Bħal toqol kbir qiegħed igħaffiġni taħtu,
Inħossu se jwaqqagħni,
Se jitfagħni
Qalb it-trab.
Il-mixja li għamilna bosta twila,
It-triq li minnha għaddejna wisq imħarbta,
Qawwet ix-xemx ħaqritna,
U l-ebda faraġ ma ġie jbus ħaddejna.
Kull min iltaqa' magħna
Ħares mistagħġeb lejna,
Ma f'hemx il-ħidma tagħna,
U baqa' sejjer bi tbissima f'fommu,
Tbissima ta' tmaqdir!
Iżd'aħna, bħal irġiel ta' fehma sħiħa,
Tħassarna 'l dawk in-nies imsejkna u boloh,
U b'rieda ta' l-azzar
Bqajna mexjin,
Mexjin.
Imm'issa ħedla kbira waqgħet fuqi,
Waqt li quddiem għajnejja
Nilmaħ għadha tinfirex
Triq twila twila,
U xemx qalila
Għadha tisreġ fuq rasna u trid tjassarna
Taħt imrieżaq tan-nar...
Ħabib, serraħni ftit, int aqwa minni,
Jiena dgħajjef wisq, dan tafu.
Għalhekk nistrieħu ftit,
Nistrieħu ftit,......
Nistrieħu!......

# Sidtna ta' Guadalupe

*Ta'* Ġużè' Diacono

KIENET is-sena 1531. Il-Messiku kien mirbuħ u mrażżan, id-deheb ta' l-Azteki maħtuf, Monteżuma, sultan qalbieni ta' l-Indjani, maqtul. Cortes kien telaq lura biex iqatta' ftit tal-btala fi Spanja. L-Ispanjoli issa kienu qed isaltnu mingħajr tfixkil ta' xejn, għax l-imsejkna Indjani bil-qaws u l-vleġġa tagħhom ma felħux għall-arkibuġi u l-porvli tal-għadu li laqgħu fi ħdanhom bħala ħabib.

L-għadd ta' l-Ispanjoli fil-Messiku kien dejjem joktor, u minn Spanja kien wasal ukoll l-Isqof Zumarraga bħala Protettur ta' l-Indjani. Dan l-Isqof kien Franġiskan, u miegħu ħa fil-Messiku bosta Franġiskani oħra. Għamlu ħilthom kollha dawk l-ulied twajba tal-Fqajjar ta' Assisi, ħabirku, għallmu lill-Indjani, dewquhom il-ħlewwa tal-kelma u l-imħabba ta' Kristu, u għammdu minnhom bl-eluf. Imma, jaħasra, ftit jew xejn setgħu jagħmlu biex jeħilsuhom mill-madmad, mill-moħqrija tas-sidien Insara tagħhom.

L-Ispanjoli kienu jaħqru lill-Indjani, iwarrbuhom, ijassruhom, jinqdew bihom bħallikieku bhejjem. U, tabilħaqq, hekk kienu jgħidu ħafna minnhom: "Dawn bhejjem. Mela dawn għandhom ruħ!" Waslu, saħansitra, biex iċanfru lill-Franġiskani għax għammduhom; waslu biex ikeċċuhom mill-knejjes tagħhom.

Fost l-Indjani kien hemm wieħed imgħammed Juan Diego, bidwi ta' xi sittin sena, li kien miġbud wisq lejn Ommna Marija. Jekk tistaqsih ma kienx jaf igħidlek hekk, imma lill-Madonna kien jaraha bħala Omm, iva, iżda bħala Omm żagħżugħa, bħala Omm l-ewwel tarbija — għax il-bniet ta' niesu kienu jieħdu r-raġel fi snin bikrin. Kien jaraha bħala tfajla omm ta' ħmistax, safja, ġwejda, imseddqa mill-imħabba tas-Sema, tifla ta' ġmiel, qalb muġrgħa bl-imħabba. Ta' kull lejla kien imur fil-knisja żgħira tal-missjoni, kien jieħu miegħu ftit wardiet, meta jkun żmienhom, maqtugħin friski mill-ġnejna tiegħu; iqegħidhom f'riġlejn ix-Xbejba tas-Sema, u joqgħod hemm bil-qiegħda ma' l-art jitgħaxxaq bi ġmielha, jifraħ bi tjubitha; jissabbar għax jiftakar f'dak li ġarrbet hi, f'dak li ġarrab binha mħabba firregħba u l-ambizzjoni ta' dawk li biex jaħfnu, jikbru u jaħkmu,

sefqu taħt riġlejhom lil għajrhom li ma felħux għalihom; irod-dilha ħajr għax tatna lill-għażiż Binha biex jeħlisna mid-dnub u jiftħilna l-Ġenna!

U meta l-Indjani tkeċċew mill-knejjes, u l-imsejken Juan Diego sab min reġġgħu minn bieb id-dejr tal-maħbuba Verġni tiegħu, mar lejn daru b'qalbu maqsuma. Kbir kien in-niket tiegħu, qalila l-għafsa ta' qalb. Kif joqgħod bogħod mill-Ħlejqa li farrġitlu qalbu, refgħetlu ruħu 'l fuq 'il fuq, saffietlu u ħennietlu mħabbtu?

Anqas jaf kif, qabad zokk ta' żebbuġa, u minnu naqax xbie-ha ċkejkna tat-Tfajla Omm. Mhux is-sengħa ta' idu kienet li mexxietlu l-għodda, imma l-ħerqa ta' mħabbtu. Miz-zokk taż-żebbuġa fassal tfajla omm ta' ħmistax, safja, ġwejda, imseddqa mill-imħabba tas-Sema, tifla ta' ġmiel, idejha t-tnejn miġbura fuq qalbha mħabbta bil-leħħa mġugħa ta' mħabbitha; u że-bagħha bi lwien bojod u koħol u ħomor u ħodor, u bid-deheb u l-fidda — bajda kienet il-bluża, u ikħal il-mantar, imberfel bid-deheb u l-fidda, u mżejjen bil-ward aħmar u l-weraq aħdar, u mdeħbin l-isplinguni li kellha f'xagħarha u l-qorq fuq riġlejha ċkejknin.

Min jaf kienx hemm min nebbaħ lil Juan bil-faqar tat-Tfajla Omm ta' Nazareth! Madankollu, x'hemm ogħna mis-safa, mill-imħabba li aktar ma tiċċaħħad, aktar ma tagħti, aktar toħ-la u tithenna?

Din kienet it-Tfajla Omm ta' Juan Diego — u. ta' Indjan li kien. Juan Diego naqax xbieha ta' tfajla Indjana, samra, bil-kemm mhux lewn iż-żebbuġa, żewġ għajnejn qishom lewżiet, żewġ ħaddejn għolja, u mnieħer aktarx qasir u miftuħ.

Dawk iż-żmenijiet, fid-9 ta' Diċembru kienu jħarsu l-Kun-ċizzjoni ta' Marija, bint Sant'Anna. Meta wasal il-jum, Juan Diego u ħutu l-Indjani xegħlu l-imsiebaħ fuq l-ibjut u fit-twieqi, libsu l-iġded u l-isbaħ imnatar u l-aktar imlewna, ġabru kemm kellhom dehbijiet u xidduhom lit-Tfajla Omm ta' Juan Diego. Imbagħad, bix-xama' mixgħul f'idejhom, ħarġu jduru bix-xbie-ha mat-triqat tal-belt, jitolbu u jgħannu t-tifħir lil Marija. Im-ma l-Ispanjoli ma ħamluhomx. "Ara", bdew igħajtu. "ara x'wiċċ! Lill-Madonna issa għamluha Indjana! Indjana, tabil-ħaqq!" U f'dagħdigħa ta' demm ħabtu għalihom, ħarbtuhom, sawtuhom, u t-Tfajla Omm ta' Juan Diego sfat miksura mas-saqajn f'dik ir-rewixta qalb twerżiq, għajat, biki u dagħa.

Qalbu miksura, imriegħex, bid-demm nieżel ma' wiċċu minn qasma fuq ġbinu, fejn sawtuh b'daqqa ta' ħatar, Juan Diego għbed 'il barra mill-beit fejn l-għarix fqajjar tiegħu, u kien nieżel mix-xaqliba ta' għolja wieqfa u mwiegħra. Kienet megħdija tal-blat, imżerżqa, imħattba, u Juan ried jara tajjeb fejn imidd saqajh; imma ħabta u sabta, bi stagħġib kbir tiegħu, dawl mhux ta' din l-art xegħel il-mogħdija, u fuq blata għolja quddiemu kemaħ lit-Tfajla Omm tiegħu, liż-żagħżugħa Indjana li naqax miz-zokk taż-żebbuġa bil-bluża bajda u l-mantar ikħal, bit-tberfil tad-deheb u l-fidda, u l-ward aħmar u l-weraq aħdar.

Sejħitlu, "Ejja lil hawn, ibni", qaltlu.

Juan Diego baqa' jħares miblugħ, imma l-Madonna reġgħet sejħitlu. "Ejja, Juan. Ersaq, ibni", qaltlu, "jien Marija, Omm Ġesù."

Juan ma tħarrekx minn fejn kien. Bilkemm seta' jemmen lil għajnejh. Ħabat se jibża', imma dak il-leħen kien wisq ħelu, wisq ħanin. Reġa' sama' dik l-istedina: "Ejja, ersaq lejja, ibni," u resaq mingħajr ma jaf kif. Bil-mantar tagħha, it-Tfajla Omm mesħitlu d-demm minn moħħu u ġbinu, u qaltlu: "Isma', ibni, din ix-xewqa tiegħi. Mur sib lill-Isqof, u għidlu li jien nixtieq li tinbena knisja fejn qiegħda jien bħalissa".

Hekk għamel Juan Diego. L-għada fil-għodu, bilkemm kien sebaħ li ma marx iħabbat il-bieb ta' l-Isqof. Imma l-Isqof Zumarraga beda jċaqlaq rasu, għamillu ħafna mistoqsijiet, u qatagħlu qalbu. Dak l-istess jum, meta kien sejjer lura lejn l-għarix tiegħu, Juan Diego sab tistennieh lil Sidtna Marija. Talbitu jerġa' jmur għand l-Isqof u jtennilu x-xewqa tagħha; imma Diego qalilha li jaqbel kieku x-xewqa tagħha jwassalha xi ħadd aktar importanti minnu, għaliex lilu l-Isqof qajla tah widen. Iżda t-Tfajla Omm talbitu dik il-lejla, u reġgħet talbitu l-għada fil-għaxija biex imur u jġibilha tweġiba mingħand l-Isqof. U Juan Diego reġa' mar għand l-Isqof, kif talbitu t-Tfajla Omm, li kien jgħożż b'imħabba hekk kbira, u din id-darba l-Ispanjoli ħebbu għalih, għajruh ħajjen u qarrieqi, imma, "Ibni", qallu l-Isqof, "mur ġibli sinjal".

Juan Diego tħawwad, u ma tħawwadx bi ftit. Kien jagħti ħajtu biex jaqta' xewqet it-Tfajla Omm tiegħu, imma x'jibda jagħmel? Liema sinjal jibda jagħtih lill-Isqof? Għax, kos, l-Isqof kellu raġun ma jemminx kif ġieb u laħaq, għax ix-xbieha tiegħu kienet tfarrket mas-saqajn f'dik ir-rewixta, u issa arah

imur quddiemu u jgħidlu li raha, iltaqa' magħha u kellimitu. Imma x'jibda jagħmel, liema sinjal jibda jagħti lill-Isqof Zumarraga?

Jumejn wara, iz-ziju ta' Juan Diego nxteħet b'deni qawwi u beżgħu li kien sejjer imut. Juan Diego telaq jiġri lejn il-Knisja tal-Missjoni biex iġiblu saċerdot, u, billi ried iħaffef, u beża' li t-Tfajla Omm twaqqfu u ttellfu ż-żmien, ġibed minn fuq ix-xaqliba l-oħra tal-għolja.

Imma l-Madonna qasmet min-naħa għal oħra tal-għolja, u waqqfitu. "Dan x'kien għaddejt minn hawn, Juan Diego?" staqsietu.

"La twaqqafnix, jaħasra", Diego qalilha, "għaliex għandi z-ziju qed imut, u sejjer inġiblu saċerdot. Issa nerġa' niġi biex inkellem lilek".

"Le, Juan, isma' minni. Agħmel li ngħidlek jien. Mur, inti, għand l-Isqof, u għidlu jibnili knisja fejn tlabtek. U la taħseb xejn għal zijuk, għax sejra jiena ħdejh, u meta tmur lura ssibu mfejjaq".

U tabilħaqq, dehret ukoll lix-xwejjaħ, u qajmitu mis-sodda.

Juan Diego talabha sinjal biex jieħdu lill-Isqof. "L-Isqof irid sinjal", qalilha.

"Itla' hemm fuq", qaltlu t-Tfajla Omm, "hemm, qalb il-blat, u aqta' l-ward li ssib hemm".

"Ward qalb il-blat! Ward f'Diċembru!"

"Juan Diego, agħmel li qed ngħidlek jien".

Ward qalb il-blat! Ward f'Diċembru! Imma Juan Diego għamel kif qaltlu t-Tfajla Omm — u tabilħaqq, hemm, qalb il-blat, f'nofs ta' xitwa, hemm sab il-ward — aħmar u abjad u isfar. Qatagħhom, u t-Tfajla Omm sarrithomlu fil-mantar tiegħu. "Qis li ma turihom lil ħadd", wissietu, "qabel ma tasal għand l-Isqof".

L-Isqof kien qed iqaddes. Juan Diego ma kellux sabar, ma hamelx jistenna. Baqa' dieħel fil-knisja, ma beżżgħux il-ħars ikreh, ma rahomx l-għajnejn imgħaddba, ma semax it-tgemgim. Baqa' tiela' sa fuq l-artal, inxteħet għarkubbtejh, u l-Isqof dar iħares lejh, u Juan Diego, hemmni, għajnejh mixgħula, daħkan, fetaħ il-mantar u minnu xtered il-ward — aħmar, abjad u isfar. Ward f'Diċembru! Ward minn ġuf il-blat!

U l-Isqof ħass bħal reqqet ir-ruħ, u, hemm fuq l-artal, niżel għarkubbtejh, u d-dmugħ ġelben fuq xfar għajnejh, għax mhux

il-ward bissra, ward f'Diċembru, ward mill-blat, imma hemm, f'nofs il-mantar msewwef ta' bidwi Indjan, kien hemm xbieha tat-Tfajla Omm, bil-bluża bajda u l-mantar ikħal, bit-tberfil tad-deheb u l-fidda, u l-ward aħmar u l-weraq aħdar, u l-isplinguni tad-deheb; u wiċċha kien ta' tfajla Indjana, għax kienet ix-xbieha li tfarrket mas-saqajn; kienet it-Tfajla Omm ta' Juan Diego, u ma' għonqha, u fuq sidirha, u ma' dirgħajha kellha d-deheb li neżgħu l-Indjani biex libbsu lilha.

L-Isqof qam, u, b'rogħda f'dirgħajh, tferfir f'qalbu, u d-dmugħ f'għajnejh, ħa f'idejh il-mantar ta' Juan Diego, refgħu fil-għoli, dawru lejn il-kongregazzjoni.

U kelma waħda ma qalx.

Il-knisja nbniet, knisja kbira, sal-lum magħrufa bl-isem ta' Sidtna ta' Guadalupe. Il-mantar ta' Juan Diego għadu hemm sal-lum. Mantar irqiq qisu xkora rħisa, u sal-lum ħadd għadu ma qal xi lwien huma dawk li hemm fuqu.

U f'dak il-maqdes il-ħakkiema Spanjoli daħlu ma' l-irsiera Indjani biex jagħtu ġieh lil Ommna tas-Sema, li dehret lill-Indjani bix-xbieha ta' Indjana, għax quddiem Alla mhux lewn il-wiċċ igħodd, u anqas saħħet il-ġisem, u anqas għanet il-but, imma l-lewn tal-qalb, u s-saħħa ta' dinek, u l-għana mbierek tar-ruħ.

---

## KSIB MILL-"GĦAQDA" TAL-PROPRJETA' LETTERARJA TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET BIL-MALTI TA' SIR TEMI ZAMMIT

Bis-saħħa ta' skrittura privata bid-data tal-5 ta' Settembru, 1952, l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kisbet minn għand il-werrieta ta' Sir Temi Zammit il-proprjetà letterarja (*copyright*) ta' kulma l-istess Sir Temi Zammit ippubblika bil-Malti kemm f'kotba u kemm f'rivisti u ġurnali u kemm b'kull mod ieħor.

Xejn għalhekk ma jista' jiġi ippubblikat, imxandar minn fuq ir-*radio* jew b'mod ieħor jiġi riprodott mill-pubblikazzjonijiet bil-Malti ta' l-imsemmi Sir Temi Zammit mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Kunsill tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

# Malta, Il-Familja Rjali Ingliża u l-Inkoronazzjoni ta' Elizabetta II

*Ta'* A. Cremona

NAHSEB li l-ebda wieħed u l-ebda waħda mir-Renjanti ta' l-Ingilterra ma hu jew hija hekk marbuta ma' qalbna l-Maltin daqs ir-Reġina Eliżabetta li qabel ma messha li tiret il-Kuruna tar-Renju Ingliż kienet hekk midħla tagħna minn mindu żżewġet u kellha l-okkażjoni li tgħammar fostna għal ġimgħat sħaħ kemm-il darba u ddur, tista' tgħid, l-irkejjen kollha tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, fosthom sptarijiet, knejjes, skejjel u postijiet ta' trattenimenti, kif ukoll postijiet storiċi, u tara wiċċna li kienet tant drat u bħal wiċċ ta' l-akbar ħbieb tagħha.

Għalhekk ma setgħetx ma tgħaxxqetx bil-gżira tagħna meta saret taf kemm il-popolazzjoni ta' Malta laqgħet bil-ferħa l-aħbar li Hija, wara l-mewt tal-għażiż missierha Ġorġ VI laħqet floku fis-saltna tar-Renju Unit ta' l-Ingilterra. U wisq iktar meta saret taf kemm Malta fil-granet taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Inkoronazzjoni tagħha, uriet minn qalbha l-ferħ tagħha b'sinjali ta' l-isbaħ tiżjin xieraq u b'simboli ta' ġibda u qima l-aktar kbira b'xewqat ta' riżq għas-saltna tagħha.

Ir-Reġina Eliżabetta mhux l-ewwel waħda mill-familja rjali Ingliża li ġiet iżżur il-gżira, lanqas tagħha hija l-ewwel tifkira li għandna tal-għożża li l-familja rjali Ingliża għandha lejn din id-daqsxejn ta' gżira, li, bħal ma kien stqarr darba Alfonsu Re ta' Spanja fl-1927, tista' titqies bħala waħda mill-ġawhriet għeżież tal-Kuruna Imperjali. Wara ż-żjara tar-Reġina Armla Adelaide, l-ewwel waħda mir-renjanti li kienet ġiet Malta mis-seklu ħmistax, u li damet fostna ma' l-erba' xhur (1838-1839) sħaħ, kienu ġew iżuruna hawn Malta, tista' tgħid, il-membri kollha tal-familja rjali, sew bħala servizz navali kemm bħala kompliment diplomatiku, fosthom dawk kollha li telgħu sal-lum fuq it-tron tar-Renju ta' l-Ingilterra, barra mir-Reġina Vittorja. Għad hawn min jiftakar sewwa lir-Re Dwardu VII, sew bħala Fizzjal tal-baħar kemm bħala Prinċep ereditarju u kemm bħala Re fiż-żjajjar tiegħu ta' l-1903, meta għoġbu jagħti t-titlu tal-"King's Own" lir-"Royal Malta Regiment" u qiegħed l-ewwel ġebla tal-"Breakwater", meta fl-1909, kien ġie mar-Reġina Alessandra, martu, ma' l-Imperatriċi Federovna tar-Russja, u mal-Prinċipessa Victoria, u personalment żejjen bid-Dekorazzjoni tal-Kavaljerat ta'

l-Ordni Vittorjan (K.C.V.O.) lill-Arċisqof Pietru Pawlu Pace; u meta darb'oħra kixef il-bust ta' Sir Adrian Dingli, il-Mall; għad hawn min jiftakar lir-Re Ġorġ V meta kien għadu fizzjal fuq il-bastimenti tal-gwerra, dieħel u ħiereġ fil-port ta' Malta (1885); fl-erba' snin li kien baħħar hu għadda l-aħjar ta' żgħożitu hawn Malta. Huwa kellu hawn miegħu, lil zijuh id-Duka ta' Edinburgu mad-Dukessa, martu, iż-żewġ prinċipessi, ulied zijuh, u r-Reġina tar-Rumanija magħhom, il-Prinċipessa Lwiża ta' l-Ingilterra u l-Prinċipessa Alessandra, li fil-bidu tas-sena 1887, thennew bil-festi li sarulhom hawnhekk, u bil-mogħdijiet taż-żmien li kellhom dawn il-membri ta' familji rjali: pranzijiet fil-Palazz tal-Gvernatur, mixegħla, daqq, tiġrijiet u logħob il-Marsa. Dik il-ħabta d-Duka ta' Edinburgu kien Kap Kmandant tal-Flotta tal-Mediterran u għalhekk kien ġie joqgħod hawn Malta, fejn twilditlu tifla li kien semmieha Melita, b'tifkira tal-gżira ta' Malta. Tifkira oħra għażiża tar-Re Ġorġ V hija dik ta' meta kien għadu Duka ta' Cornwall u York. Kien għall-ħabta ta' din iż-żjara tiegħu meta x-Xirka ta' l-Arti, Xogħlijiet u Kummerċ kienet waqqfet Wirja ta' l-aħjar xogħlijiet ta' żmienna u ta' żmien il-qedem fil-Palazz Industrjali (Palazz Xara) ta' quddiem il-Knisja ta' San Ġwann fejn dari kien hemm il-Mużew u dan l-aħħar l-Uffiċċju ta' l-Ilma u Dawl Elettriku. Fil-Wirja li nfetħet fis-26 ta' Marzu, 1901, id-Duka u martu stagħġbu kif fi gżira hekk ċkejkna setgħu jinġabru ħwejjeġ hekk sbieħ. Din il-Wirja ħolqot wara l-Mużew ta' l-Antikitajiet ta' Malta li fiha nġabru dawk l-oġġetti kollha tal-ħajja u industrja ta' l-ewwel ġnus li għammru fil-Gżira u tal-ġnus l-oħra kollha sa żmien ir-Rumani. Dan sar bit-tħabrik tal-Gvernatur Grenfell li kellu wisq għal qalbu l-ġieħ u t-tifkirijiet storiċi ta' Malta

Żjajjar oħra li kellna minn membri tal-Familja Rjali ta' l-Ingilterra huma, tista' tgħid tal-bieraħ. Fosthom infakkru dik tar-Re Dwardu VIII, li meta kien għadu Prinċep, ġie hawnhekk flok missieru Ġorġ V, u fetaħ il-Parlament Malti, kif ukoll iż-żjajjar li kien għamlilna ħuh Ġorġ VI, missier il-maħbuba Reġina tagħna tal-lum, fosthom l-aħħar waħda, li kienet fiż-żminijiet ħorox u perikulużi ta' l-aħħar gwerra, li ma nistgħux ma niftakrux fiha, bl-akbar għożża u qima lejn dak ir-Re li ġarrab mat-toqol tas-Saltna tiegħu mxerrda ma' l-artijiet kbar ta' l-erbat irjieħ it-twegħir aħrax ta' l-aħħar Gwerra li fiha Malta kellha l-akbar sehem fl-at-

takki ta' l-ajru mill-għadu u, għalhekk, bil-ħaqq kollu għoġbu jżejjinha bid-Dekorazzjoni tal-"George Cross".

Aħna, madankollu, bħalma għożżejna ż-żjajjar tar-Renjanti ta' qabel li swew ta' bosta ġid biex żammew sħiħa r-rabta ta' fedeltà u ftehim bejn il-Kuruna Ingliża u l-Maltin, hekk ukoll nibqgħu ngħożżu wisq iżjed iż-żjajjar tar-Reġina Eliżabetta f'dawn il-Gżejjer, issa iktar u iktar li fl-Inkoronazzjoni tagħha kellna l-pjaċir nieħdu sehem hekk kbir u ta' ġieħ fost in--nazzjonijiet l-oħra tad-Dominji u Kolonji Ingliżi, u li nħossu kliemha jidwi fil-qalb tagħna, jistqarr quddiem Alla u l-Bnedmin li bil-għajnuna tas-Sema Hija biħsiebha ssaltan bil-ħaqq u bis-sinċerità għall-ġid tas-sudditi tagħha kollha, jiġifieri wkoll ta' Malta u l-Maltin—għax għalkemm Malta hija l-iktar ċkejkna fost l-artijiet l-oħra li qegħdin taħt il-ħarsien tal-Bandiera Ingliża, hija waħda mill-egħżeż ġawhriet fil-Kuruna fuq ras ir-Reġina tagħna Eliżabetta, li Alla jibqa' jżomm idejh fuqha, u jseddaqha fir-rieda tajba tagħha għall-ġid ta' Pajjiżha u ta' l-Imperu.

---

## MADRIGALE

### Lil wieħed Saċerdot Karmelitan f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħu.

*Ta'* BENEDITT M. CARUANA, O.CARM.

Bil-ħlewwa tal-għasel li jqattar
 Minn fommha sejħitlek Marija,
 Għax riedet l-imħabba fik tkattar
 U t-tjieba: kont għadek tarbija;
 U b'qalbek mixgħula bil-ħrara
 Weġibtha li tibqa' ma' dwarha.
X'ħin fommok imliet bl-għerf u s-sewwa (*)
 Hi tatek f'idejk l-Iben tagħha
 Biex qalbek, fi ġmielu, bil-ħlewwa
 Titfawwar, bil-ħeġġa, bis-saħħa:
 Ġesù, kif ilqajtu f'idejk,
 Tak bewsa ta' sliem fuq ħaddejk.
U baqgħet din l-għaqda sabiħa
 Kull sena, tul ħamsa u għoxrin,
 Issawwab ġo qalbek il-fwieħa
 Tal-balzmu u l-inċens imħalltin;
 U jalla hekk tibqa' tithenna
 Tul għomrok b'dil-fwieħa tal-Ġenna.

(*) Cfr. Malach. II, 6, 7.

# IL-MEWT TAL-KANONKU

## DUN ĠAMMARI FARRUGIA

Fil-31 tax-xahar ta' Mejju li għadda, il-Kanonku Dun Ġammari Farrugia, għalaq għajnejh għalkollox, meta jumejn qabel kont tarah diehel il-Belt għal fil-għaxija wara sigħat sħaħ li jkun għadda l-Knisja jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot, li baqa' jaqdihom bir-reqqa kollha għall-bżonnijiet tar-ruħ tan-nies tal-Parroċċa tal-Hamrun, fejn kien ilu jgħammar minn xi snin wara l-aħħar gwerra. Fil-funeral li saru l-Birgu "Il-Għaqda" kienet rappreżentata mill-membru tal-Kunsill Dr. A. Buttigieg, B.A., LL.D.

Ma kienx ilu ħlief xi ftit xhur minn mindu f'għeluq is-sittin sena tas-saċerdozju tiegħu, Alla għoġbu jsejjaħlu fi ħdanu u jifirdu minn fost il-bnedmin. Fl-aħħar ħarġa ta' "IL-MALTI" bħala tifkira ta' dik l-okkażjoni hekk solenni u għażiża aħna, għallqima li għandna lejn il-persuna sagra tiegħu bħala wieħed middekani tas-saċerdoti Maltin, kif ukoll Lejh bħala wieħed mill-eqdem membri tal-"Għaqda", ġibna mal-fotografija tiegħu, il-kliem sabiħ li hu kiteb u stampa u qassam lil ħbiebu fejn Hu fost l-espressjonijiet ta' radd ta' ħajr lil Alla għall-grazzja hekk kbira kien qal: "Mal-milja ta' dawn is-sittin sena, rajt jintfew bħal imsiebaħ li xxettalhom iż-żejt, il-ħajja ta' dawk kollha l-ħbieb fis-Saċerdozju u ta' dawk li fis-sena 1892 ixxierku miegħi fuq l-ARTAL tal-Kbir Alla, u l-lum, bqajt waħdi: l-inqas wieħed denn, fosthom". U hekk il-musbieħ ta' ħajtu, bħal dak ta' sħabu, kellu jintefa wara li s-Sema tah il-grazzja li jkompli l-missjoni tiegħu għal żmien twil ta' 'l fuq minn Sittin Sena li f'għeluqhom, flimkien ma' ħbiebu, Huwa kellu x-xorti, jifraħ għall-aħħar darba u jrodd ħajr lil Min għoġbu jxidd il-Persuna tiegħu fuq l-Artal Imqaddes ta' l-Akbar Sagrifiċċju għas-salvazzjoni tal-bnedmin tad-Dinja.

Dun Ġammari Farrugia, wieħed mill-eqdem Membri Akkademiċi tal-"Għaqda", kien u jibqa' wieħed mill-isbaħ figuri li żejnu l-paġni ta' l-Istorja ta' l-istess "Għaqda", għall-ġid li rat minnu sew bħala kontributur f'"IL-MALTI", kemm ukoll bħala membru benefattur. Hu kien ta' għajnuna kbira sew meta ssieħeb mal-membri f'kull intrappriża tal-"Għaqda", kunċerti, laqgħat akkademiċi u bżonnijiet oħra, kemm ukoll meta għoġbu jilqa' ġo daru lir-Reverendu C.L. Dessoulavy, Membru Onorarju

u Korrispondent tal-"Għaqda", li għoġbu jiġi hawn Mala biex ikollu l-pjaċir jiltaqa' magħna u jagħti wkoll xi konferenzi.

Xi xahrejn ilu, bħala tifkira tal-għożża tiegħu għall-"Għaqda", donnu għax kien jaf li kien riesaq għalih il-waqt li jinfired minna, huwa għoġbu jħallilna rikordju sabiħ u mhux inqas għażiż minn ħwejjeġ oħra li ħallielna f'"IL-MALTI", bil-kitba tiegħu—u dan hu r-ritratt tiegħu, imdawwar bi gwarniċa indurata, li l-membri jistgħu issa jaraw imdendel ma' xi oħrajn fid-Dar tal-"Għaqda" u biex b'hekk jibqgħu jiftakru fih bħala wieħed mill-aqwa u l-eqdem ħbieb tal-"Għaqda". Nitolbu għalih.

a. c.

---

## RAPPORT TA' L-EŻAMINATURI FUQ IL-KONKORS TA' ESSAYS DWAR MALTA U L-INKORONAZZJONI TAL-MAESTA' TAGĦHA R-REĠINA ELIŻABETTA II

GĦALL-KONKORS ta' Essays imniedi mill-Kumpannija tar-Rediffusion bil-għajnuna u l-kooperazzjoni tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", daħlu 31. Sitta minnhom ġew maqlugħa 'l barra mill-konkors, wieħed għax l-essay kien bl-Ingliż, ieħor għax kien poeżija, ieħor għax ma laħħaqx in-numru ta' kliem kif inhu mitlub fir-Regulamenti tal-Konkors u t-tlieta l-oħra għax bagħtulna isimhom u l-indirizz mhux magħluqin f'envelop għalihom.

Il-ħsieb ta' dan il-Konkors kien sabiex il-kittieba tagħna jagħtu espressjoni letterarja lis-sentimenti tagħhom dwar Malta u l-Inkoronazzjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta II.

Il-Ġurija, wara li stħarrġet bir-reqqa x-xogħlijiet li ntbagħtu, tħoss li għandha tfisser il-fehma illi, fil-biċċa l-kbira ta' l-essays, il-livell letterarju ma kienx għoli. Ħafna wrew illi ma jafux x'inhuma l-kwalitajiet letterarji li jifformaw l-essay; oħrajn urew li ma jafux iħaddmu l-immaġinazzjoni tagħhom fuq suġġett hekk profond u interessanti; oħrajn qabdu u għamlu traduzzjoni minn ktieb ta' l-Istorja ta' l-Ingilterra waqt li nqatgħu għal kollox mit-tema prinċipali, jiġifieri Malta u l-Inkoronazzjoni; u oħrajn għamlu katalgu sħiħ tal-festi u ċelebrazzjonijiet li għadhom isiru hawn Malta.

Jidher illi l-biċċa l-kbira ta' dawk li daħlu għal dan il-Konkors ma għandhomx dik il-bażi kulturali sħiħa li tagħti lewn, qawwa u ħajja lill-kitba, u anqas ma għandhom dik is-sensibiltà meħtieġa li ġġagħalhom jinterpretaw b'sens fin il-ġrajjiet li rabtu 'l Malta mar-Reġina Eliżabetta II.

Iżda din il-kritika l-Ġurija mhix qed tagħmilha għal tlieta mill-essays li fuqhom ser tikkommenta aktar 'il quddiem.

Is-sistema ta' cżami li fuqu mxiet il-Ġurija kien: Ideat u immaġinazzjoni; oriġinalità u rabta artistika fit-trattament tas-suġġett; stil u sengħa tal-kelma.

Kitba tajba tingħaraf mill-kwalità ta' l-ideat li l-kittieb jagħraf jagħti lix-xogħlijiet tiegħu, bħalma wkoll mill-immaġinazzjoni li biha jittrasforma l-ħsibijiet u s-sentimenti tiegħu u jagħtihom libsa li ssebbaħhom u, għalhekk, jingħoġbu aktar. Iżda ma' l-ideat u l-immaġinazzjoni, l-awtur irid jagħraf jagħti trattament oriġinali lis-suġġett, trattament li fih tiu ħass qawwija l-personalità u l-individwalità tiegħu ta' kittieb.

Ma' dawn il-kwalitajiet li huma mill-iżjed essenzjali fit-tiswir ta' l-essay, il-Ġurija qieset ukoll l-istil u, ma' l-istil, is-sengħa tal-kelma. F'ħafna mill-essays l-istil hu dgħajjef, ma fihx dik il-qawwa u dak il-ġmiel letterarju li jorqom u jsebbaħ l-ideat, u l-kelma u l-idjoma Maltija bosta drabi huma mġebbda u bla ħajja. Dan juri f'ħafna mill-kittieba nuqqas ta' esperjenza, ta' kultura u ta' taħriġ fil-kitba ta' l-essays. Iżda dan ma jgħoddx għall-essays ta' "Pertinax", "Red, White and Blue" u "Coeur de Malte" li għandhom stil konċiż, mexxej, maħdum bis-sengħa wisq aħjar minn ta' l-oħrajn.

Il-Ġurija, wara li studjat bir-reqqa l-kwalità ta' l-essays li ntbagħtu għall-Konkors, iddeċidiet li l-premijiet jingħataw kif jidher hawn taħt:

L-Ewwel Premju: Pertinax: Ġużè Orlando Smith, 167, Britannia Street, Valletta

It-Tieni Premju jinqasam bejn: "Red, White and Blue": Ġorġ Stevens, 51, Triq Bormla, Raħal il-Ġdid; u "Coeur de Malte": Ġużè Ghigo, Assumption House, St. Monica Str., Paola.

"Pertinax" iħaddem l-immaġinazzjoni fil-metodu u l-iżvilupp tas-suġġett. Effettivi ħafna l-introduzzjoni u l-konklużjoni. L-awtur jidħol fil-profondità tas-suġġett, għalkemm fuq it-tema prinċipali seta' daħal ftit aktar kmieni. Il-kelma Maltija jaf iżewwaqha u biha jagħti l-ilwien tal-fantasija li jogħġbu ħafna. Imma seta' kien inqas sentenzjuż.

"Coeur de Malte" għaraf b'immaġinazzjoni tajba jdaħħal u jnaqqax ġrajjiet storiċi, għalkemm seta' jorbothom b'loġika aħjar. Ċerti riflessjonijiet kienu oriġinali ħafna. Seta' wera qawwa akbar fl-introduzzjoni kemm ukoll fil-konklużjoni. L-istil hu maħdum tajjeb b'kelma sempliċi, ċara u mexxejja.

"Red, White and Blue" tana ideat maħsuba u mfissra tajjeb. Ir-rabta ta' Malta u l-Inkoronazzjoni hi maqlugħa bis-sengħa. Iżda l-awtur ma żammx dejjem is-serjetà u d-dinjità ta' l-ideat meta fit-tieni parti ta' l-essay waqa' f'enumerazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet f'Malta.

L-istil hu tajjeb, għalkemm waqtiet niltaqgħu ma' kostruzzjoni ftit iebsa. Il-kelma hi mżewqa u mirquma.

Il-Ġurija hi tal-fehma illi ftit huma dawk li huma mrawma biżżejjed fis-sengħa tal-kitba u fil-qari ta' awturi Maltin u barranin. Biex wieħed jikteb tajjeb, jeħtieġ li jkollu studji profondi ta' letteraturi barranin u għandu jżomm dejjem f'moħħu illi mhux il-kwantità li tiswa, imma l-kwalità.

REV. PATRI W. BORN, O.P.
GUŻE' CHETCUTI.

# HABBEJT

*Ta'* VINCENT UNGARO

Habbejt,
Habbejt bla tmiem;
Habbejt lil min għożżejt
B'imħabba safja u sħiħa.
Habbejt
Bla nissilt kliem,
Habbejt bla qatt ma wrejt
Kemm qalbi sfat mistrieħa.

Ta' kull fl-għaxija, waqt li x-xemx ħanina,
Tisreġ sabiħa, sħuna, u ħamrana,
Tlewwen b'ilwien tad-deh'b, fidda, rubini,
Twaħħad ġuf is-smewwiet mal-mewġ kaħlana
Fuq xefaq il-Punent, nittajjar b'moħħi,
Nitwaħħad jien ukoll f'dawk l-ilwien sbieħ
Inħalli l-art warajja, ninsa d-dinja
U ngħib waħdani fuq ġwenħajn ir-riħ.

Merfugħ 'il fuq min-nies, 'il fuq min-niket,
'Il fuq mill-mard u l-biki ta' l-iitiema;
Warajja l-għawġ u l-qerq ta' wirt il-bniedem
Quddiemi faraġ, serħ il-moħħ, u sliema,
Warajja l-ħajja nofsha dell u ħiemda
Maħkuma ġo fl-istar tad-dlamijiet,
Quddiemi dawl ix-xemx bil-qajla nieżla,
'Il fuq minn rasi l-kwiekeb tas-smewwiet.
Merfugħ 'il fuq, imbewwes miż-żefiri
Li jiżfnu wara x-xemx, ħfief u daħkana,

Merfugħ bejn is-smewwiet u l-art, nintilef
F'ħolm in-ngħas, nara quddiemi sultana
Kollha bjuda: F'rasha kuruna kwiekeb
B'ħames ponot, riġlejha qamar kbir
Fiddieni jirfsu, ħaddejha dawl in-nar
W għajnejha sbieħ u kbar minn lewn in-nir.

Xofftejha mill-qrolliet jisirqu l-ħmura,
Xuxitha deheb is-sbul tisraq id-dija,
Ħlewwa taz-zokkor, fommha jnixxi l-għasel,
Wiċċha bil-ferħ ifur bħal ta' tarbija,
Minluf fis-seħer ta' did-dehra sbejħa,
Qalbi tintilef tara dan il-ġmiel.
Inbexxaq fommi biex illissen kelma
'Ma lsieni jtemtem, jeħel u jidbiel.

Tkellmet u qalet b'liema mħabba tħobbni—
Tħobbni bla tarf, tħobbni b'imħabba sħiħa,
Għaxqitha ssib fi mħabbti, fil-qalb tiegħi
Bis-safa tfur bħal ġiju kollu fwieħa,
Tħobbni meta tarani safi, niedem,
Mill-ħtija ta' l-imgħoddi, tad-dnubiet,
Magħha tħaddanni kollha mħabba safja
Li f'qalbi tnissel l-hena tas-smewwiet.

U wegħ'dtha b'qalbi li nħarsilha kliemha,
Li nħobbha b'moħħi, b'ruħi, b'kull ma nagħmel:
Tlabtha tħarisni kontra qerq il-ħażen,
Tlabtha li minni bniedem tajjeb tagħmel.
Wegħ'dtha li nżurha ta' kull fil-għaxija
Qabel ix-xemx tistrieħ wara l-għoljiet.
Wegħ'dtha li nżurha meta l-ħemda tidwi
Mat-tokki sbieħ ta' l-Ave Marijiet.
Ħabbejt,

Ħabbejt bla tmiem;
Ħabbejt lil min għożżejt
B'imħabba safja w sħiħa:
Ħabbejt bis-sliem
Stennejt lil min ħabbejt
U qalbi sfat mistrieħa.

# Il-Battaljun ta' Birkirkara fi Żmien l-Imblokk tal-Franċiżi

*Ta'* ĠUŻE' GATT

BĦALMA jafu ħafna, meta l-Maltin qamu għall-Franċiżi, fl-1798, l-irħula għaqqdu l-Battaljuni tagħhom, biex, mhux biss jieqfu lil dawn, imma biex ukoll ikeċċuhom minn hawn. Fuq dan inkiteb ħafna. Għax ma tiftaħx ktieb li jitkellem dwar ġrajjietna u ma jsemmix x'għamlu niesna fis-sentejn li imblukkaw lill-Franċiżi fl-ibliet. Iżda ftit, jew xejn, il-kittieba għalu jgħidulna kif dawn il-Battaljuni kienu mgħaqqda u mqassma, jew f'liema naħa kellhom sehem sewwa xi wħud minnhom.

Fost it-tagħrif li sibna, dwar dawn il-Battaljuni, ġie f'idejna dak li għandu x'jaqsam ma' ta' Birkirkara. Għalhekk sa nitkellmu fuq dan. Iżda, qabel xejn, irridu ngħarrfu, li bi ħsiebna nħallu barra dak ix-xogħol kollu li għamel dan il-Battaljun ma' tul l-imblokk, billi l-ħidma tiegħu, bħalma għedna, tista' tgħid, hi magħrufa minn kulħadd. Mela, sa nitkellmu biss fuq kif kien magħmul u mqassam, u xi ntietef oħra li għandhom x'jaqsmu miegħu.

**IS-SULDATI FUĊILIERI**

Il-Battaljun ta' Birkirkara kien iffurmat mill-Fuċilieri, dawk is-suldati li l-lum ngħidulhom Fanterija, u mill-Artillieri. Dawn, ma għandniex xi ngħidu, kienu aktarx kollha voluntieri, bħalma hekk ukoll tal-Battaljuni l-oħra.

Meta, fl-1800, spiċċa l-imblokk, instab li s-suldati Fuċilieri li ħadu sehem ma' tul iż-żmien ta' sentejn li dam l-Assedju bla qatt ma telqu l-armi, kienu b'kollox 402, iżda ma' dawn hemm magħduda tnejn li telqu erba' xhur qabel.

Il-kap tal-Battaljun ta' Birkirkara tal-Kamp tal-Għargħar u ta' madwar, kien Ċensu Borg (Brared). Warajh, it-tieni filkmand, Dr. Leopoldu Bernard.

Maġġur tal-Kamp, Ċikku Borg. Aktarx ħu Ċensu.

Ajjutant Maġġur, Ċikku Pace.

Kappillan, Patri Majjistru Fra Ġużepp Micallef, ta' l-Ordni tal-Minuri Konventwali ta' San Franġisk.

Kirurgu, Dr. Toni Casha (1).

---

(1) Dari t-tobba kienu mqassma f'żewġ għamliet: Fiżiċi u Kirurġi. Ta' l-ewwel għall-kura tal-mediċina. L-oħrajn għall-qtugħ, feriti, eċċ.

Provditur tal-Kamp, Ċensu Calleja. Assistent tiegħu, Ġamri Pace.

Prim Skrivan tal-Battaljun, Ġużè Onofrio. Skrivan ta' warajh Natu Micallef.

Il-Battaljun tal-Fuċilieri kien imqassam f'erba' Kumpanniji.

L-ewwel Kumpannija, li b'Kaptan tagħha kellha lil Ġużè Scicluna, kien fiha 7 Surġenti, 7 Kapurali u 77 suldat.

It-tieni, Kaptan l-Imgħallem Ċikku Sammut, 7 Surġenti, 7 Kapurali u 76 suldat.

It-tielet, Kaptan Nazju Cutajar, 7 Surġenti, 7 Kapurali u 72 suldat.

Ir-raba', Kaptan Pietru Camenzuli, 9 Surġenti, 9 Kapurali u 85 suldat.

Dan il-Battaljun, bħalma rajna, kien imgħaqqad regulari sewwa. Terġa', kellu sal-Banda tiegħu, ta' 14-il Tanburlin.

Surmast tal-Banda, Toni Malfiggiani. Tanbur Maġġur, Ġużè Psaila, Tanburlini: Toni Mizzi, Wiġi Galea, Ċensu Manni, Ċensu Muscat, Pupul Pace, Toni Arrighi, Ċikku Mizzi, Toni Bonnici, Ġużè Serena; Rajmondu Arrighi, Wiġi Bonnici, Ġużè Ganau. Ġanpatist Decelis, Ċikku Sciberras u Saver Neverin.

Mela, il-Fanterija kienet imgħaqqda minn Kap tal-Battaljun; 14-il Fizzjal; 32 Surġent, magħdud ukoll magħhom il-kap tal-Banda u t-Tanbur Maġġur; 30 Kapural; u 325 suldati u tanburlini. B'kollox, bħalma għidna, iġibu l-għadd ta' 402.

Iżda, meta wieħed igħodd l-ismijiet tal-Fizzjali, isib 13, flok 14. L-ieħor, li jidher inniżżel żejjed, ma sibniex l-isem tiegħu miġjub ma' dawk li semmejna aktar lura.

Dawn is-suldati Fuċilieri swew lill-Gvern Malti, ma' l-4 soldi u ħabbtejn ir-ruħ kuljum.

**IL-KANUNIERI**

Is-suldati Kanunieri, dawk li l-lum huma magħrufa bħala Artillieri, li kienu jagħmlu sehem mill-Battaljun ta' Birkirkara, sibnieħom imqassma kif sa ngħidu.

Kaptan ta' l-Artillerija u tal-Kamp, Ċikku Borg.

Il-Batterija ta' Kemmuna kienet b'9 ambreżuri u maħżen kbir. Kap tagħha, Ġanni Fenech. Jieħdu ħsiebha 3 Surġenti, 3 Kapurali u 22 Kanunier.

Batterija ta' "Għar id-Dud". Kap Anġlu Aquilina; 2 Surġenti, 2 Kapurali u 15-il Kanunier.

Barra dawn li semmejna, fl-inħawi ta' tas-Sliema, kien hemm imqassma tliet Batteriji oħra, taħt il-ħarsien tal-Battaljun ta' Birkirkara. Bħala kap Bombist tagħhom it-tlieta nsibu lil Ċikku Busietta.

Kap ta' l-ewwel Batterija, Salvu Azzopardi; b'2 Surġenti, 2 Kapurali u 6 Kanunieri. Tat-tieni, Silvestru Casha; 2 Surġenti, 2 Kapurali u 8 Kanunieri. It-tielet, Ġużè Calamatta; 2 Surġenti, 2 Kapurali u 8 Kanunieri.

Waħda minn dawn it-tliet Batteriji kienet f'"Ta' Mrabat", b'4 murtali tal-bomba. Maħżen taħt l-art, li jesa' 100 ruħ, u ieħor fuq li jistgħu joqogħdu fih 20 Artillier, it-tnejn mibnija troll di bomba.

Oħra f'"Tax-Xini", imgħammra b'kanuni ta' 18. Iżda, l-oħra li tonqos, ma sibniex fejn kienet.

Terġa', f'"Tal-Għargħar", kien hemm Batterija wkoll. Kap Pawlu Pullicino, 2 Surġenti, 2 Kapurali u 15-il Kanunier. Din kienet imsejħa "It-Twila". Armata b'5 kanuni tat-18. Maħżen taħt l-art, mibni troll di bomba, u jesa' 100 ruħ. Fuq din ġiet imtella' tperper, għall-ewwel darba f'Malta, il-bandiera Ingliża. U fl-aħħar insibu Ridott, armat b'kanun tat-18, fi "Sqaq Kappara". 2 Surġenti, 2 Kapurali u 8 Kanunieri. Ma jissemmiex li kellu xi kap għaliih, bħall-Batteriji l-oħra. Għal mal-Batteriji li semmejna, kien hemm 3 Surġenti Gwardjani tas-Sengħa, li jfhmu fl-Artillerija.

B'kollox, nies fl-Artillerija riedu jkunu 8 Fizzjali, 18-il Surġent, 15-il Kapural u 82 Kanunier, li jilħqu l-għadd ta' 123. Iżda, meta tniżżel it-total tagħhom, issemmew li kienu 17-il Surġent, wieħed minnhom kien imħallas mill-E.T. il-Gvernatur; 14-il Kapural, u 83 Kanunier, wieħed minn dawn ma serviex iż-żmien kollu ta' l-imblokk.

Is-suldati ta' l-Artillerija kienu jiswewlu lill-Gvern Malti 5 soldi u 10 ħabbiet kuljum ir-ruħ, jiġifieri sold u 8 ħabbiet aktar minn dawk l-oħrajn tal-Fanterija.

## NIES TAS-SENGHA U L-BARRANIN FIL-BATTALJUN

Barra l-Fuċilieri u l-Kanunieri, għall-ħtieġa tal-Battaljun ta' Birkirkara, kien hemm ukoll xi nies tas-sengħa, u oħrajn għall-qadi tiegħu kif sa nsemmu.

Ħaddieda għas-servizz ta' l-Artillerija: l-imgħallem Pawlu Said u l-lavrant Nazju Bonett.

Armiera: Ċensu Cachia u Mikiel Carbon. Dan ta' l-aħħar għamel 8 xhur biss fis-servizz.

Diretturi tal-ħażna tal-porvli: Dun Franġisk Sammut u Mikiel Vassallo.

Nikol Falzon, Buttar.

Salvu Zammit, Kurrier.

Toni Debono, Gwardjan tal-munizzjon tal-gwerra.

Ċensu Zammit, għall-Artillerija.

Ċikku Mangion (ma jissemmiex x'kien jagħmel).

Imbagħad, għall-qadi ta' kull ħtieġa oħra li tinqala', insibu lil Ċensu Sammut, Stiefnu Camenzuli u Ċensu Psaila. Xi wħud minn dawn li semmejna kienu jaħdmu fil-porvli u ħwejjeġ oħra meħtieġa għall-Artillerija: ngħidu aħna skartoċċi għall-azzarini u għall-kanuni, spoletti tal-kanuni u suffarelli ta' l-ajru għas-sinjali ta' bil-lejl.

Mela, il-Battaljun ta' Birkirkara ma' tmiem l-imblokk tal-Franċiżi, insibuh li spiċċa mgħaqqad minn dawra ta' 537 ruħ. U, kif għedna, kellu organizzazzjoni daqs riġment regulari minn tal-lum.

Bħalma rajna, il-Battaljun kien mitfugħ waħdu fuq medda ġmielha sewwa ta' art, biex jilqa' l-assalti li l-Franċiżi setgħu jagħmlu mill-Forti Manoel u mill-Forti Tignè. Terġa', biex iħares kull ċaqliqa li setgħet issir mill-Franċiżi, inbena ħajt ta' 200 qasba tul, b'ħamest ixbar wisa', u b'25 gardjola għall-għases, biex, minn warajh il-Battaljun ta' Birkirkara jilqa' u jreġġa' lura dawk il-Franċiżi li jitħajru joħorġu mill-bejta ta' fejn kienu mdawra mill-Maltin.

Biex jirnexxi f'dan il-ħsieb, il-Battaljun ma setax ma jħaddanx fih dak l-għadd ta' nies li semmejna. Għalhekk ikollna naħsbu li dak ta' Birkirkara kien l-akbar wieħed fost sħabu l-oħra. Ukoll il-Banda tiegħu tidher li kienet ta' għadd iżjed minn ta' l-oħrajn. Bħallikieku, il-Battaljun ta' l-Imdina ma kellux għajr 4 tnabar biss.

Iżda, għalkemm il-Battaljun kien iġib l-isem ta' Birkirkara, insibu li n-nies tiegħu ma kinux kollha minn dak il-pajjiż. Tassew li fl-għadd ta' 537 ruħ li tajna, ma sibniex minn fejn kienu; imma, minn barra dawk, kien hemm 754 ruħ oħra li servew fil-Battaljun, għal xi żmien, ma' tul is-sentejn ta' l-im-

blokk. Dawn ma baqgħux sa l-aħħar imħabba xi mewt, mard, jew għax telqu meta tnaqqsu xi nies mill-Battaljun, inkella għal xi ħaġ'oħra. U billi f'dana l-għadd ta' l-aħħar, jissemmew kollha minn fejn kienu, naħsbu li hekk ukoll kien hemm il-barranin ma' dawk li ma jingħadx minn fejn huma.

L-inqas li kien hemm suldati fil-Battaljun, minn Għawdex, H'Attard, u n-Naxxar, billi ma nsibux imsemmi għajr wieħed biss minn kull banda. Wara jiġu ta' Ħal Luqa u l-Birgu, 3 minn kull naħa. Imbagħad Bormla, 8; l-Isla, 10; Mosta, 13; u l-Furjana, 18. Iżda, l-aktar li kien hemm mill-Belt, billi l-għadd tagħhom laħaq 77 ruħ.

Mela, għal kull wieħed barrani, insibu sitta minn Birkirkara. Terġa', dan jagħtina x'naħsbu li aktarx li f'kull Battaljun kien hemm ukoll il-barranin, l-iżjed minn ta' l-ibliet.

**RIGAL MILL-INGILTERRA LILL-MALTIN**

Fit-3 ta' Diċembru 1803, ħarġet tagħrifa mill-Gvernatur, fejn tgħid, li mal-ħafna beneficċji li r-Re ta' l-Ingilterra għoġbu jagħti lill-poplu Malti, irid iżid ukoll rigal ta' 167,000 skut, bi ħlas tal-ħila li wrew il-Maltin fil-ħidma li għamlu, meta qabdu l-armi biex jaqbżu għal arthom, ma' tul l-imblokk tal-Franċiżi. U billi dawn il-flus ġew imħollija fi ħsieb il-Gvernatur, biex iqassamhom hu, ma riedx li jibqa' xi ħadd barra minn dawk li għandhom jedd għal sehemhom. Fuq hekk, fl-imsemmija tagħrifa, sejjaħ lil kull wieħed li jaf li ma hux imniżżel fil-listi li bagħtu l-kapijiet tal-Battaljuni, biex imur is-Segreterija tal-Gvern, fid-19 ta' Diċembru, u hemm jagħti ismu u x'servizz għamel, waqt li wkoll irid jagħti xhieda ta' dak li jgħid.

Billi għal din it-tagħrifa tqanqlu ħafna li ħasbu li għandhom xi jedd, fil-11 ta' Diċembru ħareġ avviż ieħor, fejn fisser min kellu jieħu sehem mill-imsemmi rigal. L-ewwel ma jieħdu, dawk li waqt il-waqgħa ta' l-ibliet kienu għadhom fis-servizz militari. Dawk li fil-bidu servew fl-imblokk, u ġiebu ruħhom tajjeb bil-ħila li wrew, waqt xi ħtieġa li nqalgħet, u wara mietu, jew mhux ħtija tagħhom li ma setgħux jissuktaw fis-servizz sa l-aħħar, jittieħed ħsieb tagħhom, biex jieħdu xi ħaġa huma wkoll. Iżda dawk kollha li, meta fettlilhom telqu minn rajhom mill-militar, ma jieħdu xejn.

Għall-bidu ta' l-1804 bdew jitqassmu l-flus tar-rigal li semmejna. In-nies tal-Battaljun ta' Birkirkara mhux kollha messhom xorta waħda. Dawk is-suldati li ma għamlux iż-żmien kollu ta' l-imblokk, ħadu n-nofs ta' l-oħrajn li baqgħu sa l-aħħar. Fl-ewwel tqassima li saret, il-Kap tal-Battaljun ta' Birkirkara, Ċensu Borg, ħa 700 skut. Hadu 50 skut kull wieħed: il-Maġġur tal-Kamp, Ċikku Borg; l-Ajjutant Maġġur, Ċikku Pace; il-Provditur tal-Kamp, Ċensu Calleja; il-Prim Skrivan, Ġużè Onofrio; it-tieni Skrivan, Natu Micallef; il-Kap ta' l-Artillerija, Ċikku Borg; il-Kap Bombista, Ċikku Busietta; u l-Kaptani tal-Fanterija, Ġużè Scicluna, l-imgħallem Ċikku Sammut, Nazju Cutajar u Pietru Camenzuli.

Ma' dawn li semmejna, insibu li ħadet ukoll 50 skut, is-Sinjura Preziosi, armla tal-Kirurgu Toni Delicata, li, milli jidher, kien fil-Battaljun ta' Birkirkara qabel il-Kirurgu Casha. Il-Kappillan tal-Kamp, Patri Majjistru Fra Ġużepp Micallef, u l-Kirurgu Toni Casha, ħadu 40 skut kull wieħed. Il-kapijiet tal-Batteriji: Ġanni Fenech, Anġlu Aquilina, Salvu Azzopardi, Silvestru Casha, Ġużè Calamatta u Pawlu Pullicino, messhom 35 skut kull wieħed.

Ma' dawn il-fizzjali, kaptani, eċċ., li semmejna, insibu oħrajn, li, billi ma għamlux iż-żmien kollu ta' l-Assedju, ħadu anqas minn dawn ta' hawn fuq, bħalma sa nuru: Spiżjar Salvu Zammit, 30 skut; Kappillan Dun Franġisk Sammut, 20; Pawlu Bartolo, Sotto Provditur, 30; l-Imgħallem Stiefnu Camenzuli, 25; l-Imgħallem Ċensu Sammut, 25; u l-fizzjali: Pawlu Said, 25; Mikiel Anġ. Garci, 20; Mikiel Vassallo, 20; Ġamri Pace, 30; u Ċikku Psaila, 35. Is-Surmast tal-Banda, it-Tanbur Maġġur u s-Surġenti kollha, kemm tal-Fanterija u kemm ta' l-Artillerija, li baqgħu fis-servizz ma' tul l-Assedju, messhom 30 skut kull wieħed. Il-Kaprrali, 20. U s-suldati u t-tnabar, 15.

Dawk li fil-Battaljun ta' Birkirkara għamlu xi żmien biss, u ma ssuktawx sa l-aħħar mhux ħtija tagħhom, kienu ta' liema grad kienu, minn Surġent 'il isfel, kollha ħadu xorta waħda: 7 skuti u 6 rbajja' r-ruħ. L-għadd ta' dawn, bħalma għedna iżjed lura, laħaq 754 wieħed. Fost dawk li ħadu dan il-ħlas, insibu l-kurrieri, armiera u n-nies l-oħra tas-sengħa li konna tajna l-isem tagħhom iżjed lura. Insibu wkoll imniżżla xi wħud milli ġew iffuċilati mill-Franċiżi fl-imsemmi għadd ta' 754.

Billi wara li sar dan it-tqassim ta' flus kien baqa' aktar, fl-10 ta' Marzu 1805, ħareġ avviż ieħor, fejn għarraf li sa jerġgħu jitqassmu l-flus li fadal. Iżda din id-darba ma kienx hemm differenza bejn dawk li servew fl-Assedju kollu u l-oħrajn li għamlu xi żmien biss. Minn Surġent 'il fuq, ħadu kollha 10 skuti kull wieħed, waqt li minn Kapural 'il isfel messhom 3 skuti u 3 rbajja'. Il-Kmandant tal-Battaljun, Ċensu Borg, ħa 100 skut. Il-familji ta' dawk li mietu bil-gwerra, fl-ewwel tqassima ħadu 15-il skut u fit-tieni 3 skuti u 3 rbajja'.

Mill-flus li ġew mill-Ingilterra, il-Battaljun ta' Birkirkara messu sehmu ta' 16,444 skut u rbiegħi. Wieħed biss ma ħa xejn, minn dawk kollha li kienu fl-imsemmi Battaljun. Għall-anqas ismu ma sibnieh imniżżel imkien. Irridu ngħidu għal Dr. Leopoldu Bernard, li, bħalma konna għedna, kien jiġi fil-kmand wara l-kap ta' kulħadd, Ċensu Borg.

**IT-TELF TAL-BATTALJUNI**

Bħalma l-Battaljun ta' Birkirkara kien fih nies aktar minn kull Battaljun ieħor li ħa sehem fl-imblokk tal-Franċiżi, hekk ukoll naħsbu li l-għadd tal-mejtin tiegħu kien jisboq lil ta' l-oħrajn.

Dan il-Battaljun kien mill-ewlenin li tilef min-nies tiegħu, billi fl-ewwel ħarġa mill-Belt li għamlu l-Franċiżi, biex imorru jagħtu l-għajnuna lil sħabhom ta' l-Imdina, fit-taqtigħa li saret, il-Karkariżi reġġgħu lura lill-Franċiżi lejn il-bejta tagħhom. Iżda, fit-taqbida baqgħu mejta Ġanni Borg u Anġlu Mallia, it-tnejn minn Birkirkara.

F'sortita oħra li għamlu l-Franċiżi, li baqgħet tissejjaħ "il-kbira", billi dawn ħarġu b'xi tliet kolonni ta' suldati, u attakkaw f'daqqa lill-Maltin minn bosta bnadi, bla ma rnexxielhom il-ħsieb ta' rashom, għaliex sfaw imreġġgħin lura b'telf kbir, il-Battaljun tilef tliet Karkariżi oħra: Ċensu Borg, Toni Uzzini u Ġanni Borg. Terġa', ma' tul l-Assedju, insibu li ntilfu dawn: Ġamri Aquilina minn Birkirkara, miet b'fuċilata f'nagħsu, waqt li kien għassa f'"Ta' Garofalo"; Ġanni Vella, mill-Furjana, kien mar ma' oħrajn f'Marsamxett u ħelisha ħafif, iżda miet fl-assalt li sar mill-għassa avanzata tal-Franċiżi f'tas-Sliema; Ġużè Micallef, mill-Belt, miet b'fuċilata f'ġenbu; Saver Fiteni u Nazju Borg, minn Birkirkara, mietu fis-servizz b'xi tiri mill-Franċiżi; Ġużè Micallef, minn Birkir-

kara, miet b'tir mill-Franċiżi, waqt li kien għassa; Nazju Grech, mill-Isla, Surġent, miet b'luċilata; u Ġużè Grech, minn Birkirkara, miet b'kanunata fis-servizz.

Iżda, l-akbar telfa li ġarrab il-Battaljun ta' Birkirkara, kienet f'dik il-biċċa ta' Marsamxett, meta ħafna Maltin, minn xi wħud mill-Battaljuni, marru jistaħbew f'xi mħażen tal-post li semmejna, biex, minn hemm jidħlu għal għarrieda fil-Belt u jaħbtu għall-Franċiżi, kif hekk kienu miftiehma mal-Maltin l-oħra ta' ġewwa, fil-konġura li saret minn Kaptan Lorenzi u Dun Mikiel Xerri. Il-biċċa ma rnexxietx. Għax dawn inkixfu mill-Franċiżi, waqt li kienu għadhom moħbija. U, fit-taħwida li nqalgħet fid-dlam, xi wħud baqgħu mejta fil-post. Il-Battaljun ta' Birkirkara tilef dawn in-nies mill-Belt: Toni Grech; Ġużè Micallef, miet b'tir; u Matti Camilleri, li miet imqatta' bċejjeċ mill-Franċiżi.

Dawk li nqabdu ħajjin, wara ġew iffuċilati mill-Franċiżi. Mill-Battaljun ta' Birkirkara nsibu dawn li kienu mill-Belt, Fidiel Mizzi, Nazju Mifsud, Ġużè Borg, il-Kanunier Pietru Quaracini, Bertu Curmi, Natu Buhagiar, Ġamri Azzopardi, Ġulju Manco u Wiġi Sciberras.

Minn Birkirkara: Vitor Busuttil, Ċikku Scerri, Ġanni Attard, Anġlu Attard, Ġużè Ciantar u Pietru Psaila. Mill-Isla: Ġanni Fosca, Luqa Gagliardo u Ġerardu Scarpetta.

U b'dawn l-34 Martri tal-Patrja li semmejna, sa nagħalqu dan it-tagħrif li ksibna u li għandu x'jaqsam mal-Battaljun ta' Birkirkara fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi f'Malta.

---

## KOTBA BIL-MALTI

## GHALL-"MALTA HOUSE", TA' LONDRA

Ċejna mitlubin biex inħajru lill-awturi ta' kotba jew libretti bil-Malti u nies oħra jibagħtu xi kopji tal-pubblikazzjonijiet li għandhom żejda jew li jistgħu jiddisponu minnhom lil-Librerija tal-"Malta House" ta' Londra. Dawn il-pubblikazzjonijiet jistgħu jinbagħtu għand is-Segretarju tal-"Għaqda", Triq San Kristofru, Nru. 18, il-Belt, Valletta. Dan imbagħad jieħu ħsieb jibgħathom lill-"Malta House" b'mezz tal-"Public Relations Officer".

# Meta Tlifthom

*Ta'* Ġer. Azzopardi

Miskin, dik kienet l-aħħar mixja li għamel nhar il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, li f'dak iż-żmien kienet ġa ssir b'devozzjoni u pompa kbira f'raħal twelidi. Missieri, bħas-soltu, kien mar ikanta fuq l-orgni waqt il-Għasar u bħala fratell tas-Sagrament hu ħa sehem fil-purċissjoni, u mbokka riħ bil-kif. Dan ma kienx riħ ta' biċ-ċajt għaliex sa tmint ijiem wara — nhar San Lwiġi — hu kien mar għand Alla, li tul għomru hu dejjem għamel mill-aħjar biex jobdih, u aħna għaxart itfal sfajna ltiema u ommi armla!...

Niftakar lil ħuti l-kbar igħiduli, meta tfarfart, li kont noqgħod fil-bieb nistenna lit-'tata' ġej mix-xogħol ħalli jerfagħni u nbusu u nbus xbieha tan-Nazzarenu, li kienet imdendla wara l-bieb ta' barra u li waqt li kienu ħerġin bih kellhom jiftħuli t-tebut biex inbusu. Missieri ma kienx xi sinjur, kien ħaddiem bħall-kotra tal-bnedmin u ma kellu l-ebda sold fuq ir-riħ. Ħuti l-kbar li kienu s-Seminarju kellhom iwarrbu l-vokazzjoni tassaċerdozju u jmiddu għonqhom għax-xogħol biex iżommu 'l ommi — li kienet saret qisha d-Duluri — u lilna. Hija Ninu mill-iskola sab ruħu mgħallem, lavrant, kaxxier u pjazzista, imma d-destin kien kiefer magħna. Il-ħasda bikrija ta' missieri, il-ħsieb kiefer ta' but vojt li jrid ilaħħaq ma' familja kbira, it-tbiq ta' l-istonku li jġib miegħu l-inkwiet nissel debbulizza li mwieżna b'komplikazzjoni ta' l-intern xeħtu lil ommi f'qiegħ ta' sodda.

Kien f'dan iż-żmien li hi ħolmot li rat lil missieri f'karrozzin liebes sabiħ u kuntent wieqaf quddiem il-bieb u "Pawl", qalilha, "jien ġejt għalik, qiegħed kuntent ħafna u rridek taqsam miegħi fil-hena kif qsamt miegħi fit-tbatija". "U t-tfal x'nagħmlu bihom Ġuż", weġbitu ommi. "Issa mmorru weħedna u minn hawn u ftit ieħor n'eħdu wieħed miċ-ċkejknin", u ma' dawn il-kelmiet hu għab minn quddiem għajnejn ommi li stenbhet mifxula u kompliet għamlet f'qalbha. Ftit wara, sewwa sew fil-ħdax ta' fil-għodu tal-ħdax-il jum tal-ħdax-il xahar tas-sena tal-Kongress OMMI — dik li tant ferħet bija fi twelidi — marret biex, kif kienet temmen hi u kif nemmnu aħna, uliedha, tingħaqad ma' dawk li f'żgħożitha hija għażlet bħala sieħeb tagħha ħalli flimkien igawdu l-glorja tal-Ġenna.

Mal-mawra tal-ġenituri beda l-isfrattu tal-familja. Mal-mewt ta' ommi aħna ngħarna maż-żijiet, oħti l-kbira marret soru, ħuti l-kbar bdew jaħdmu t-Tarzna, l-oħrajn li kienu mlaħħqin kienu jaħdmu minn sbiħ Alla sa ma jidlam, waqt li aħna ż-żgħar la kellna biex u lanqas żmien nilagħbu. Il-mard ma naqasx, il-faqar kiber, waqt li l-għali u l-inkwiet jidħlu kullimkien! Hija ta' qabli miet fi żmien l-Ispanjola, ħija l-kbir u oħti marru lejn l-Amerika biex qatt ma rajniehom iżjed. F'dan iż-żmien ħallejna liz-zijiet u rgajna' morna noqogħdu f'dar twelidi. Li kelli nsemmi l-kalvarju kollu li minnu għaddejna ma nispiċċa qatt. Il-lum minn tlettax bqajna biss erba', iżda dejjem ngħidt "tkun magħmula r-rieda tiegħek, o Sinjur!..."

Il-lum meta nara tfal iltiema f'qalbi nħoss bħal għoqla li ma nistax infissirha u tigini xewqa li ma nistax intemmha, l-għaliex l-iltim hu dejjem iltim, iżda l-iżjed meta jkun fqir.

---

# Sunett bil-Malti ta' De Soldanis

*Ta'* A. CREMONA

Kont ili bix-xewqa li ngib f'"Il-Malti" s-sunett bil-Malti li jinsab fost il-manuskritti ta' Agius De Soldanis fil-Bibljoteka ta' Malta, iżda ridt qabel xejn nagħmel xi studju fuqu, jiġifieri fuq l-istorja tiegħu, u billi dejjem naqasli ż-żmien biex nagħmel dan id-daqsxejn ta' studju, kont ħallejtu ma' xi karti oħra ta' interess storiku u lingwistiku. Dan is-sunett kien nebbahni bih il-ħabib tiegħi Ġużè Gatt, li l-lum kulħadd jafu għall-ħidma tiegħu fit-tiftix ta' dokumenti u pubblikazzjonijiet ta' artikoli storiċi. Minn dak iż-żmien 'il hawn, is-Sur Ġużè Cassar Pullicino, wara li kien iltaqa' ma' dan is-sunett fil-manuskritti ta' De Soldanis, kien kiteb u ippubblika artiklu interessanti fuq *M.A.Grima u De Soldanis* fil-"Berqa" tal-5 ta' Marzu, 1948, fejn wara li irrakkonta l-vjaġġ għal Ruma ta' De Soldanis flimkien ma' l-aħwa Għawdxin, il-Kanonku Ġużeppi u l-Abbati Franġisku Gauci, ulied it-tabib Gauci ta' Għawdex, qalilna wkoll kif De Soldanis kien ilta-

qa' mat-Tabib M. A. Grima (1) li dik il-ħabta (1757) kien qiegħed Dissettur fl-Isptar ta' Santa Maria Nuova, f'Firenze, u kif dana kien ħajru jikteb xi versi f'ġieħ Fr. Ludovico Coltellini, Segretarju ta' l-*Accademia Botanica e di Storia Naturale* ta' Cortona. Biex jaqta' x-xewqa ta' Grima, De Soldanis kien ħażżeż sunett fl-1758 wara li s-Sur Ludovico Coltellini kien bagħatlu l-Patenta bħala Soċju ta' l-Accademia. Kif igħidilna s-Sur Ġużè Cassar Pullicino, li fl-istess artiklu li semmejt hawn qabel kien ġieb kopja tiegħu bl-ortografija tal-lum, dan is-sunett, ma fih ebda valur letterarju, għax wara kollox De Soldanis ma wera qatt xejra għall-poeżija, iżda wara li tqis iż-żmien bikri li fih inkiteb u l-persuna li kitbitu, dan is-sunett jista' joqgħod tajjeb bħala wieħed mis-sunetti bikrin tal-letteratura Maltija flimkien ma' dawk il-versi sbieħ ta' Bonamico. De Soldanis stess (Ara Ms. 155, f. 133 insemmi minn Ġ.C.P.) jgħid hekk dwar il-kitba ta' dan is-sunett: *Fatta la mia ubbidienza, o bene o male, non sarò mai costretto ad una critica penitenza od ad un temerario ardimento tacciato.*

Għalkemm dan is-sunett kien deher f'"Il-Berqa" diġà, naħseb li jixraq li jidher ukoll f'"Il-Malti", sew bħala tifkira fir-rivista tagħna tal-versi ta' De Soldanis kif ukoll bħala mera ta' poeżija bikrija Maltija għal dawk il-qarrejja tagħna li qabel ma kinux qrawh.

Is-sunett sa nġibuh hawn taħt, fuq ix-xellug, skond kif miktub fl-oriġinal tal-manuskritt u fuq il-lemin kif għandu jinqara bl-ortografija tal-"Għaqda". Taħt il-kopja tas-sunett fl-oriġinal inġibu wkoll in-noti, biex is-sunett jiftiehem aħjar. Is-sunett huwa akrostiku, jiġifieri kull vers jibda bl-ewwel ittra, waħda wara l-oħra, ta' l-isem u l-kunjom ta' dik il-persuna li għaliha jkun magħmul is-sunett. L-ittri kollha flimkien jagħmlu l-isem ta' *Wiżu* (2) *Colellini* (Ludovico Coltellini) li għalih is-sunett hu iddedikat

---

(1) M.A. Grima, kien studja f'Pisa fejn kien ħa d-dottorat tal-Mediċina. Wara kien mar ikompli l-istudji tiegħu f'Firenze fejn tħarreġ fil-kirurġija. Kien kirurgu ma' l-armata Franċiża fil-Gwerra tas-Seba' Snin (1756-1763). Fl-1763 l-Ordni sejħitlu lura hawn Malta, fejn inħatar bħala Kirurgu Maġġur fl-Isptar, fl-Infermerija, u Lettur tal-Kirurġija u Anatomija fl-Università ta' l-Istudji.

(2) Wiżu, jiġifieri Dovik, inkella "Lodovico".

## SONETTO PUNICO-MALTESE

In onore dell'Ill.mo Sr. Dr. Lodovico Coltellini

**U**h! kem ili iena gid-i
n-esma bik
**I**l git rait, u dali fik en-ghid
**Z**eug shhab ukoll ensaksu
dali għalik (3)
**U** ihhet u liehor iesctekulek
kol gid
**K**ont fil fehma iehna li en
semmik
**O** sid i, biex niechdu id
bl-id,
**L** a ma elmahtekx le darba
tneħtik (4),
**T** esuà, għaliex tferrahh ent
eziet mel ghid (5).
**E**h! iek Kuiacin (6) seua
tabillihak
**L** i kiteb taieb, u ukol
bel hhleua
**L** i sessa mighu kat hhat
hek ma laħħak
**I** ua ent bes bil linka
thhaltlu geua
**N** af ien u kollhat, mighi
suk u el Hhak
**I**ek n-egkdeb, enkella
en-għid e seua.

**U**h! Kemm ili jiena, ġidi,
nisma' bik!
**I**l-ġid rajt, u da li fik ingħid.
**Ż**ewġ sħab ukoll insaqsu
dali għalik (3),
**U** wieħed u l-ieħor jixtiqulek
il-ġid.
**K**ont fil-fehma jiena li
nsemmik,
**O** sidi biex hawn nieħdu
id f'id,
**L**a ma lmaħtekx le darba
tneħtik (4),
**T**iswa, għaliex tferraħ int
iżjed mill-Għid (5).
**E**h? Jekk Kuiacin (6) sewa
tabilħaqq
**L**i kiteb tajjeb, u wkoll
bil-ħlewwa
**L**i s'issa miegħu qatt ħadd
hekk ma laħħaq
**I**va, int biss bil-linka
dħaltu ġewwa
**N**af jien u kulħadd;
miegħi Suq u l-Ħaqq
**J**ekk nigdeb inkella ngħid
is-sewwa.

---

(3) Irid igħid għal żewġt iħbieb li kellu hu (Agius); wieħed id-Duttur Kanonku Ġużè Gauci u l-ieħor ħuh Dr. Ċikkin.

(4) *Tneħtik*, jiġifieri "tnehedt" għalik, xtaqt li narak.

(5) Billi Coltellini bagħatlu l-patenta ta' sieħeb qrib il-Għid, Agius żammha bħala rigal tal-Għid.

(6) Kittieb fuq il-Liġi.

# VARIA ATQUE BREVIORA

## FONETIKA U GLOTTOLOĠIJA

*Ta'* A. CREMONA

**Il-vokali â u ie fin-Nomi u Aġġettivi.** Il-vokali â fin-Nomi u Aġġettivi tal-forma *KvKvK* iktarx tkun mitluba minn konsonanti tal-gerżuma (*larinġali*) jew minn dentali enfatika: Eż: *Hares*, *raheb* (fil-Malti pr: *raħeb*), *ħaġeb*, *għażeb*, *tames*, *ħatem*, *qaleb*, *għaref*, *għacer*, *għareb*. F'nomi jew aġġettivi oħra l-*a* tikser fid-dittong *ie* bħal f'*ziemel*, *fieres*, *kiefer*, *ecc.*

**Konsonanti Mtennija li tinxorob f'waħda fl-inflessjoni tal-kelma.** Meta l-aħħar sillaba tispiċċa b'*żewġ konsonanti*, il-vokali ta' qabilhom tieħu l-aċċent toniku (aċċent maħtuf sħiħ — (stressed). Eż.: *Ċurkett*, *kurpett*, *dublett*. Iżda meta dan l-aċċent titilfu, għax taħbat wara sillaba bl-aċċent, l-aħħar konsonanti taqa'. Eż.: *Friekeṫ* (minn *furketta*). *brieret* (minn *berritta*); *kriepet*; *dbielet*.

*Regula*: Konsonanti mtennija fl-aħħar sillaba tinxorob f'*waħda* meta fil-plural jew fl-inflessjoni taħbat wara l-ewwel sillaba b'aċċent toniku.

**Il-Kelma 'Mkien' fil-Malti:** Li kieku kellek taqleb għall-Malti mill-Ingliż il-frażi: *In the place I met you*, etc. xi tgħid: *Flimkien li ltqajt miegħek*, jew *fil-post li ltqajt miegħek*.?—Naħseb li tagħżel l-aħħar traduzzjoni. Għaliex?

Il-kelma *mkien* ġejja mill-Għarbi: mimmat tal-verb *kan* (kien), u tfisser *post* (Alġerija, Trip.). Fil-Malti baqgħet tfisser ukoll post, bħal f'*kullimkien*, *xi mkien*, kif ukoll fil-kelma *flimkien* li b'semantiċiżmu twassgħet fis-sens (*together* fl-Ingliż). *Weħidha* noħduha bis-sens negativ u ngħidu *imkien*, jiġifieri *f'ebda post*. Iżda f'das-sens il-kelma Maltija *mkien* mhix ħaġa oħra ħlief il-forma mqassra taż-żewġ kelmiet *ma ma kan* li fil-Għarbi jfissru *fl-ebda post*.

Il-kelma safja *mkien* bil-plural *mkejjen* li daħlet f'xi kitba, iżda mhux fit-taħdit, tmur kontra s-sens popolari tal-kelma u għalhekk ta' min jaħrabha. Hadd mhu sa jgħid *fl-imkien* biex ifisser *fil-post*, meta wkoll din il-kelma tista' titħawwad mal-kelma *flimkien* li fil-Malti ħadet tifsira oħra. Noqogħdu għalhekk għall-użu popolari tal-kelma li skond il-fonetika u s-semantika ħadet forma u tifsira differenti, barra milli fl-espressjonijiet *xi mkien*, *kullimkien*.

# Reċensjonijiet

**"TLITT IQLUB"** — Damma ta' Għana minn Ġużi Abela, Manwel Cassar, u John Sciberras, b'kelmtejn qabel minn Karmenu Vassallo, 1953.

Din hi ġabra ta' versi miktubin minn tliet żgħażagħ li fil-ħsieb u ħeġġa tal-Muża tagħhom jissimboleġġjaw il-moħħ u r-ruħ tal-fjur tal-kittieba żgħażagħ tal-lum. Bħala prototip tal-ġibda tagħhom għall-kitba Maltija jiffigura żagħżugħ ieħor, li lilu bħala Fundatur tal-Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ sħabu jiddedikaw din il-ġabra ta' versi bikrija. Hu mill-banda l-oħra f'għeluq is-sunett li kitbilhom f'ras il-ktejjeb lilhom wisq tajjeb ixebbah it-tlitt iqlub tagħhom "bħal tliet għejun li jferrgħu ġo vaska ta' l-ilma jleqq biex l-għasafar jitħajru jixorbu minnha kif ukoll bħal tliet fjuriet li bil-fwieħa mżewqa tagħhom iħennuk it-tlieta flimkien". Id-Daħla ta' dawn il-versi miktuba minn Karmenu Vassallo, hija apprezzament sintetiku iżda fotografiku ta' dawn it-Tlitt Iqlub żgħażagħ magħrufin wisq tajjeb minn qalb li għadha tixgħel bħal taż-żgħażagħ bin-Nirien ta' l-Immaġinazzjoni qawwija tagħha.

Kull wieħed minn dawn il-poeti żgħażagħ fetaħ f'dan il-ktejjeb il-bieb tal-ġnejna tiegħu b'daqsxejn ta' introduzzjoni li fiha fisser il-motiv u n-natura tal-poeżija tiegħu. Aħna li qrajna u flejna dawn il-versi bil-lenti qadima tagħna, fil-waqt li nagħtu l-fehma tagħna fuqhom, nifirħu l-ewwelnett lil dawn it-tliet żgħażagħ b'dan l-ewwel frott tal-pinna poetika tagħhom — frott li meta tqis l-epoka bikrija tal-letteratura Maltija u ż-żmien bikri ta' għomorhom fil-ħidma tal-koltivazzjoni letterarja Maltija tagħhom ma nistgħux ħlief nitgħaxxqu bil-ġenju ċkejken imma daqshekk ieħor qawwi tal-Muża tagħhom — għalkemm 'l hawn u 'l hinn togħtor fil-kamp imwiegħer tal-prosodija Maltija.

Il-poeżija ta' Abela tvarja fl-istil u fil-ħsieb sempliċi, għoli u metaforiku skond is-suġġett, xi mindaqqiet profonda fil-ħsieb kif ukoll mudlama. Xi sunett 'l hawn u 'l hinn jibqa' fil-baxx bla ma jogħla biżżejjed. Fil-poeżiji 'l hawn u 'l hinn ukoll issib xi kliem imsawwar b'forma li ma tammettix il-morfoloġija u l-użu popolari, ħaġa li jisgħobbina ngħidu hija d-drawwa ta' bosta żgħażagħ kittieba tal-lum. Mill-banda l-oħra, ħafna mill-versi huma oriġinali fil-ħsieb u fir-ritmu. Waħda mill-aħjar poeżiji ta' Abela hija l-"Għanja tal-Mejtin", fejn f'din il-għanja l-poeta jissupera lilu nnifsu għall-ħsieb profond li fiha u li jinġabar u jinħass fil-qawwa tiegħu kollha, fil-vers:

U f'mewtkom tgħixu l-faqar ta' saltnatkom.

Xi versi ta' Cassar mhumiex inqas oriġinali u sbieħ minn ta' sieħbu Abela: mexxejja u ħelwin bi kliem floku li jdoqq fil-widna, iżda daqshekk ieħor qawwija fis-sempliċità tagħhom. 'L hawn u 'l hinn fil-poeżija tiegħu nsibu xi ħsieb imħawwad u bla rabta mas-suġġett. Qawwija l-immaġinattiva fil-poeżijiet "L-Istedina", kif ukoll f'xi "Versi ta' Tifkir" u f'xi poeżijiet oħra.

Għal dik li hi oriġinalità Cassar għandu versi li ftit mill-poeti żgħażagħ għadhom ma dewquna fil-versi tagħhom. F'dan il-poeta wkoll insibu dik il-manija ta' kliem safi maħluq b'forom li l-użu u l-grammatika jistmerru. Mingħajr dawn it-tebgħat il-poeżija ta' Cassar ta' min jit-

għaxxaq biha. għax fiha ssib tassew l-espressjoni fotografika ta' ruħ il-poeta fil-motivazzjoni tal-Muża tiegħu li tgħanni l-għanjiet ta' Niket, Ferħ u Mħabba.

Fil-versi ta' Sciberras insibu ċerta gradazzjoni u varjetà barranija hekk qawwija li minn qiegħ l-art tqabbżek f'daqqa waħda għall-għoli tas-smewwiet, u għalhekk fihom hemm mera ta' dawk il-waqtiet (li dlonk issibhom fl-aqwa poeti) fejn il-ġenju poetiku tarah iqum minn ħedla li 'l hawn u 'l hinn traqqadlu l-pinna. Fil-versi ta' Sciberras hemm il-qawwa ta' l-immaġinativa u fil-biċċa l-kbira l-poeżijiet jagħalqu tajjeb. Fost l-aħjar ngħażlu: "Iċ-Cipress", "Ftit wara l-Mewt ta' Silvya", "Fil-Kappella tas-Sorijiet" (li hija waħda mill-isbaħ), "X'hemm Isbaħ minn Lejl Sajfi mingħajr Dija", "Lil Barunissa".

Sciberras jidher li jħobb il-poeżija klassika u mhux f'waħda u tnejn jinqeda b'elementi mitoloġiċi. 'L hawn u 'l hinn bħal sħabu jħobb ukoll joħloq forom ta' kliem mhux mexxejja.

Nittamaw li dawn it-tliet poeti żgħażagħ għalli ġej jagħtuna frott bnin u misjur, li wieħed għandu jistenna 'l quddiem minn tliet siġriet li tħawlu f'art tajba taħt l-isbaħ xemx tal-MUŻA MALTIJA.

XXX.

**"POEŻIJI MARJANI"** — Ta' Ġużè Chetcuti.

Il-poeżija ta' Ġuże' Chetcuti fiha għaxqa speċjali. Jien, ngħid għalija, naqraha b'dehwa kbira għax fil-qari tagħha nħoss bħal għoġba li timlieli 'l qalbi u lil ruħi b'seħer ta' ġmiel spiritwali. Ir-ritmu, l-armonija, il-ħsieb u l-espressjoni jagħmlu flimkien sura ta' sbuħija u ta' sliem li jqanqlu fil-moħħ viżjoni tal-ġmiel sublimi li jitnissel biss mill-arti perfetta. U jekk fil-poeżiji kollha li joħorġu mill-pinna ta' dan il-poeta Malti wieħed iħoss lehma ħarkiena u jara l-arti msensla mal-ġmiel, f'dawn it-tliet poeżijiet miġburin f'dan il-ktejjeb, hemm imfissrin xejra ta' ħrara, ta' qima u ta' ħlewwa mqanqlin mill-imħabba pura lejn Omm Sidtna Marija, dik:

"......ix-xemx illi xxerred
f'kull rokna d-dawl tagħha".

Kien ħsieb sabiħ dak tas-Sur Chetcuti li jiġbor fi ktejjeb dawn it-tliet poeżijiet tiegħu f'ġieħ Marija, għax barra milli jfakkru okkażjonijiet Marjani huma espressjoni l-aktar ħelwa u safja tal-kult Malti lejn il-Madonna. Aħna l-Maltin inħossu ġibda qawwija lejn Ommna Marija. Lilha għażilna bħala Patruna tagħna, Lejha dlonk induru fil-bżonnijiet tagħna u dejjem nrejnieha ġieh u qima. Dawn it-tliet poeżijiet huma, u jibqgħu, xhieda u rahan tal-qima tagħna lejn Marija.

G.

# KONKORS TA' GHANA MALTI

## LEJLET L-IMNARJA

Din is-sena fil-programm tal-Wirja ta' l-Imnarja, il-Buskett, kien hemm ħaġa ġdida li żejnet il-Wirja popolari ta' Lejlet l-Imnarja, u dan kien il-Konkors ta' Għana Malti u ta' Daqq bil-kitarri. Il-konkorrenti tal-għana kienu tmienja, l-aħjar għannejja fil-gżira ta' Malta, imsemmijin għall-għana Malti.

Il-"Għaqda" ma tistax ma tfissirx il-għaxqa tagħha għal din l-inizjattiva li ttieħdet mill-Kumitat tas-*Società Agraria* u tħoss li 'l quddiem fil-għażla tal-premju jingħataw ukoll xi punti għal dak li hu għana popolari li jaqbel mal-progress tal-Malti fil-poeżija tradizzjonali u leġġendarja Maltija.

Il-konkorrenti tad-Daqq bil-kitarri kienu disgħa, imqassmin fi tliet gruppi ta' tlieta.

Sew il-konkors tal-Għana kemm dak tad-Daqq bil-kitarri irnexxew ħafna u b'mod li ħadd ma kien jistenna li kellhom jiġbdu kotra ta' nies hekk kbira biex jisimgħuhom.